MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1025/1999/1

**Raymond Galea**

***Versus***

**Grezzju Galea**

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab f'inċident tat-triq.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-18 ta' Settembru 1998 l-attur kien qiegħed isuq il-mutur numru FAP 542 fi Triq il-Fiddien, ir-Rabat, sejjer lejn ir-Rabat, meta *Land Rover* KAN 205, misjuqa mill-konvenut, qasmet quddiemu u ħabtu. Bid-daqqa saret ħsara fil-mutur ta' l-attur, u l-attur baqa' b'diżabbiltà permanenti u tilef opportunità ta' impjieg. Għalhekk l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni kontra l-assikuratur tal-konvenut.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-ħtija kienet ta' l-attur waħdu, u għalhekk ma hemmx danni x'jiġu likwidati li għandu jagħmel tajjeb għalihom hu, u illi, f'kull każ, id-danni mitluba mill-attur huma wisq.
L-inċident seħħ fejn it-triq ġejja mir-Rabat tinqasam fi tnejn f'forma ta' "Y": id-drigħ tal-lemin għal min ġej mir-Rabat jieħu lejn tas-Salib u d-drigħ tax-xellug jieħu lejn il-Baħrija.
L-attur kien riekeb fuq il-mutur sejjer mill-Baħrija lejn ir-Rabat, u kien qabeż dik il-parti fejn it-triq ġejja mir-Rabat tinqasam fi tnejn. Billi hu kien ġej mill-Baħrija t-triq tas-Salib kienet fuq ix-xellug tiegħu, u għalhekk biex hu jkompli sejjer lejn ir-Rabat kellu jaqsam quddiem traffiku ġej mir-Rabat sejjer lejn tas-Salib, u traffiku ġej mir-Rabat sejjer lejn tas-Salib kellu jaqsam quddiemu.
Il-konvenut kien ġej mir-Rabat sejjer lejn tas-Salib. Iż-żewġ vetturi, għalhekk, kellhom jaqsmu quddiem xulxin, u ħabtu.
Wara li għamlet aċċess fuq il-post il-qorti ma setgħet tara xejn li juri jekk it-triq ewlenija hijiex dik sejra lejn tas-Salib jew dik sejra lejn il-Baħrija: iż-żewġ toroq huma ta' importanza ndaqs. Ma jistax jingħad, għalhekk, kienx l-attur li ħareġ minn triq sekondarja u qasam quddiem min kien għaddej mit-triq ewlenija, jew kienx il-konvenut li, biex daħal fi triq sekondarja, qasam quddiem min kien għaddej mit-triq ewlenija. F'dawn iċ-ċirkostanzi, la t-toroq kienu ta' importanza ndaqs, ma jistax jingħad illi xi parti kellha preċedenza fuq l-oħra, u ma jistax jingħad illi xi parti kellha tort aktar mill-oħra.
Għalhekk, it-talbiet ta' l-attur, mibnija fuq il-premessa illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut, ma tistax tintlaqa', u l-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------